

# TIFKIRA TAŻ-ŻEWĠ ASSEDJI

It-Tmien Jum tan-Novena 2019

Patri Alan J. Adami O.P.

**Id-devozzjoni lejn il-Madonna fil-poplu tagħna tmur lura bosta u bosta snin. Insibu ħafna mkejjen li huma marbuta ma' leġġendi li jfakkru dwar kif il-Verġni Mbierka daħlet u ħelset lil xi wħud minn missirijietna li sabu ruħhom f'xi saram. Iżda jekk hemm rokna fuq dil-gżira tagħna li fiha mhux il-leġġendi iżda l-istorja u l-ħajja tan-nies jagħtu xhieda għall-qawwa tal-Verġni Mbierka, żgur li dan il-post huwa l-Isla. Il-ħarsien tal-Bambina hu mnaqqax fil-ħajjiet ta' missirjietna, jixhduh it-toroq ta' din il-Belt Sengleana, u jixhdu kull min dar fuqha u min sab faraġ fil-Bambina. U tabilħaqq huwa tassew xieraq li llum fl-aħħar jum tan-Novena ta' din ix-Xbejba Ċkejkna, inħarsu lejn l-istorja ta' mrar u glorja tal-Belt tagħna, li fiha jitwettaq dak kollu li għedna dwar il-Verġni Mbierka. Fil-ġrajja tal-Belt Sengleana narawha bħala Omm tagħna, bħala Avukata tagħna, Difensura mill-aqwa, attenta għall-ħtiġijiet tas-Sengleani f'ħajjithom u fis-siegħa ta' mewthom.**

Minn dejjem din ix-xaqliba tal-Port, li kienet magħrufa bħala "l-Isla", aktarx mill-kelma "Isola", ġibdet għajnejn il-Kavallieri. Il-Gran Mastru Juan de Homedes beda jaħseb u bena fortizza f'forma ta' stilla li ssemmiet għal San Mikiel. Iżda kien il-Gran Mastru Franċiż, Claude de la Sengle, li ismu huwa mmortalizzat b'rabta ma' isem din il-peniżola, li ħolom biex l-Isla minn bosk tal-kaċċa jdawwarha f'belt b'qalb Maltija tħabbat fiha. Iżda ma damx ma ġie l-għawġ, għaliex wasal il-ħbit mistenni tal-għadu Ottoman. Fiż-żerniq tat-18 ta' Mejju 1565 l-għassiesa minn fuq is-swar lemħu flotta setgħana ta' xi 200 xini Ottoman titkaxkar fuq l-imwieġ lejn artna.

Sa mill-ewwel mument li l-għadu medd riġlejh fuq artna, jgħidilna Francesco Balbi di Correggio, li rrakkonta l-ġrajja tal-Assedju l-Kbir fid-djarju tiegħu mill-qalba tal-attakki,[1] il-Maltin u l-kavallieri tqabdu miegħu bl-akbar ħruxija. Kemm ipinġiha tajjeb din ix-xena l-poeta Senglean Dwardu Cachia fil-poeżija "Tifkira tat-Taqbida tal-Isla" meta jikteb:

1 Cf. Kif ippubblikata minn Lino Bugeja, Mario Buhagiar, Stanley Fiorini eds., *Birgu a Maltese Maritime City* (Imsida: University of Malta, 1993), 99 bi traduzzjoni fl-Ingliż ta' Henry Balbi.

"Mitt jum u għaxra magħhom – Damu mħabbta x-xjuħ tagħna
Jeħduha mal-għedewwa – Li kienu tqatlu magħna.
In-nisa, ix-xjuħ u ż-żgħażagħ – F' kemm sar ġlied u taqbid
Kont tilmaħhom mal-qatta – Jagħtu wkoll daqqa t'id."[2]

It-taqbid kien ħarex mill-ewwel fuq San Mikiel. U l-akbar biża' tal-Gran Mastru seħħet propju fit-23 ta' Ġunju, lejlit il-festa ta' San Ġwann Battista, patrun tal-Ordni, meta l-Maltin raw in-nofs qamar jitla' jperper fuq Sant'Iermu. Malajr issa ħrax il-ġlied fuq San Mikiel u Sant'Anġlu. Spiss kien għoddu ntilef San Mikiel, iżda l-qalbiena nies tal-Isla, mal-Kavallieri qatt ma naqsithom il-ħila u kienu kull darba jirnexxilhom ikeċċu lit-Torok minn kull lok li huma kienu jokkupaw. Sa passaġġ ħaffru t-Torok biex jippruvaw jinfdu fil-qalb tal-forti San Mikiel, u kien biss fl-aħħar ftit ħin li l-Maltin u l-Kavallieri ntebħu bil-pjan. Di Correggio, minn qalb it-taqbid, jiktbilna illi dakinhar tant kienu viċin li jitilfu San Mikiel li lkoll ħassew li Alla kien waqaf magħhom, kważi li kien sar miraklu.[3] L-istoriku tal-Ordni, Giacomo Bosio jikteb bir-reqqa kif in-nies tal-Isla, irġiel, xjuħ, nisa u tfal ilkoll meddew idejhom fit-taqbid. Mill-ġdid il-poeta Senglean, ipenġiha wisq sabiħa din ix-xena:

**"Ħin bla waqt it-Torok fetħu**
**għal fuq l-Isla l-aqwa nar,**
**waqt li resqu 'l hawn bis-slielem**
**Uħud minnhom taħt is-swar.**

**Hawn il-ħila 'l ħadd ma naqset,**
**B'ħeġġa kbira nisa u xjuħ**
**bdew igħallu żift ġol-borom**
**biex għal fuqhom isawbuh."[4]**

Minkejja r-regħxa ta' mistħija li ħassew it-Torok għall-qlubija tan-nies tal-Isla, huma baqgħu jittantaw is-swar tagħha bil-balal, u lin-nies tagħha bil-wegħdiet fiergħa bit-tama li jinxtraw. Iżda dan il-poplu qatt ma warrab ħsiebu minn fuq id-din tiegħu, u baqa' mhux imxekkel. Iżda daqshekk ieħor il-qilla tat-Torok baqgħet bla mittiefsa. Ma kienx fadal tama. Il-Gran Mastru qalbu sewda għax minkejja l-ħila kollha l-għadu ma ċediex. Bosio jgħidilna li l-aktar li ġarrbet attakki ħorox kienet l-Isla. Niesha kienu għajjiena u bil-ġuħ, imwiegħra, tilfu djarhom u 'l qrabathom. Iżda jekk fil-Ponta tal-Isla kien jitqabad San Mikiel, f'nofs u qalb is-Sengleani kienet titqabad is-Sultana tal-Anġli. *U kien forsi minħabba f'hekk li l-Isla baqgħet iġġarrab l-attakki sas-7 ta' Settembru, lejlit it-festa tat-Twelid tal-Verġni Mbierka, ħalli r-rebħa tal-Fidi fuq il-Mislem iżżernaq ma' sbiħ il-Għid tal-Bambina.* X'jimporta li l-kanuni għadhom jaħarqu? X'jimporta li n-nies hi għajjiena? Nhar it-8 ta' Settembru għajta waħda ġriet fuq s-swar, fuq fomm kulħadd ir-radd ta' ħajr lill-Bambina li fil-Għid tagħha ħelsithom mill-imrar:

**"O Rebbieħa – b'fehma sħiħa**
**għeżież kbar missirijiet**
**lill-Bambina – 'l-Omm ħanina**
**agħtu ħajr. Id-dinja nfdiet!"[5]**

Dakinhar l-istess mota waħdanija ħabbret kemm ir-Rebħa tal-Vittorja kif ukoll il-Festa tal-Bambina, u sa minn dakinhar dan il-post waħħad il-Festa tal-Vittorja mal-Festa tal-Bambina, għax dakinhar l-Isla saret tal-Bambina. Għaliex min jista' jiċħad li ma kinitx il-Bambina li għażlet lill-Isla, bħala l-aħħar post tat-taqbida fl-1565, biex fiha turi l-ħniena tagħha, l-imħabba materna tagħha fir-rebħa tar-reliġjon fuq il-Mislem? Għall-qlubija u l-fedeltà tagħha, l-Isla nagħtat it-titlu ta' *Civitas Invicta*. Iżda jekk l-Isla kienet iċ-*Civitas Invicta* xejn inqas kienet *Invicta* l-patruna tagħha, il-Bambina. Hija l-*Mulier Invicta*, il-Mara qatt mirbuħa, għax fiha d-dnub ma sabx rebħa. U sabiex din il-kooperazzjoni bejn id-divin u l-uman fuq wiċċ din il-belt ma tintesiex, fid-daħla tal-belt Sengleana nbniet knisja u fuq il-faċċata tagħha tnaqqax il-kliem li kull min jgħaddi minn quddiemha għadu sal-lum jista' jara, "Monumentum Insignis Vicotriæ MDLXV": Monument Insinji tar-Rebħa tal-1565.

---

2 Dwardu Cachia, "Tifkira tat-Taqbida ta' l-Isla," (Sic) kif ippubblikata f'Toni Cortis ed., Antoloġija ta' Versi Patrijottiċi (Malta: DOI, 1989), 20.

3 Kif kwotat f'Alexander Bonnici, *L-Isla Fi Ġrajjiet il-Bażilika-Santwarju ta' Marija Bambina* (Vol. 1; Parroċċa tal-Isla, 1981), 39.

4 Cachia, "Il-Ħila tal-Maltin," *op. Cit.*, 22.

5 Nikol Biancardi, "Innu lill-Bambina: B'tifkira tar-Rebħa tal-1565," op. Cit., 88.